# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar 14 ta' Mejju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 239/2023 CL

**M Recruitment Ltd ( C64607)**

**VERSUS**

**OSA Services Company Ltd (C41942)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-17 ta' Lulju 2023 fejn is-socjeta attrici talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi ikkundanta sabiex thallas is-somma ta' elfejn tmien mija u tmienja u ghoxrin euro u tlieta u tlettin centezmu (€2,828.33) rapprezentanti import ta' fattura datata tmiena u ghoxrin (28) ta' Frar 2023 relattiva ghas-servizzi rezi mis-socjeta mittenti, kopja hawn annessa u mmarkata Dok MREC1, bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta, ingunta minn issa in subizzjoni, inkluz dawk relatati mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Ra r-risposta li giet ipprezentata fit-13 ta' Novembru 2023, fejn s-socjeta konvenuta preliminarjament sostniet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi l-ammont ta' €2,828.33 mhux minnu dovut. Illi tramite ftehiem bejn il-partijiet, il-haddiema ghandhom jithallas ta' xogholhom in linea mal-ammont ta' sieghat li jkunu hadmu.Illi fid-Dok MREC1 hemm zball fil-kalkoli ta' Ana Luisa, stante li hadmet 51.10 siegha u mhux 160 siegha kif indikat fl-invoice datat 28 ta' Frar 2023. Illi ghalhekk l-ammont dovut huwa ta' €1,768.30 liema ammont kien gie offrut lil socjeta attrici permezz ta' cheque izda dan ma giex accettat u gie irritornat lil socjeta konvenuta. Illi gie ipprezentat mandat kawtelatorju fil-konfront ta's-socjeta konvenuta, u s-socjeta konvenuta qieghda tawtorizza lis-socjeta attrici tizbanka l-ammont ta' €1,768.30. Ghalhekk is-socjeta konvenuta m'ghadhiex tbati l-ebda spejjez tal-kawza u imghax. (1060.03 difference)

Illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2024 xehed Martin Spiteri li huwa Chief Operations Officer minn Ottubru 2020. Hu kien jaghmel ftehiem ta' outsourcing

ta' impjegati fuq bazi full time u kienu jgeddu l-kuntratt kull sena. Fil-18 ta' Novembru 2022 kien ghamel kuntatt mal-OSA permezz ta' e mail li bghat lil Oswald Scicluna u lit-tifel tieghu Nigel Scicluna li maghhom kien ikkomunika qabel, Dok MS2 fejn kien infurmhom li kien hemm ftehiem gdid li gie anness mal-email Dok MS3 u li kien ser jibda minn Jannar 2023. L-ahhar kuntatt li kellu iffirmat kien fl-2020 u dan kien validu sal-31 ta' Dicembru 2021 Dok MS1 ghalkemm baqghu ghaddejjin bih fl-2022. Qabel ma bghat l-e mail f'Novembru 2022, l-uniku tibdil li qatt kien hemm qabel kien li z-zieda tal-COLA li kien jaghti l-gvern kienet tigi riflessa fir-rata tal-paga li nghatu lil klijent u ma kienx hemm problemi fuq dan mal-OSA. Il-kuntratt il-gdid tal-2023 kien ser jkollu zieda fir-rata tal-impjegat minhabba fil-COLA, u minhabba li kienu taw zieda lil impjegati kollha taghhom izda kien hemm tidbil ghal fatt illi minn Jannar 2023 kienu ha jenforzaw illi l-konvenut jrid jaghti lil impjegat minimum ta' 40 siegha fil-gimgha peress illi huma kienu impjegati full time. Ma kienux irrispondew u kien bghat reminder fil-25 ta' Novembru 2022 u filt-28 ta' Novembru 2022 rega' bghat reminder iehor bl-attachment tal-kuntratt li kellu xi tibdil zghir. Rega' ma sema' xejn minghadhom u rega' bghat e mail fis-7 ta' Dicembru 2022, iehor fil-21 ta' Dicembru 2022 u iehor fit-3 ta' Jannar 2023, liema dokumenti gew ipprezentati komplessivament bhala Dok MS4. Il-konvenut baqa' juza' s-servizzi taghhom u meta wasal l-ahhar ta' Jannar 2023 u kellhom jhalsu lil impjegati iccargjaw lil konvenut tas-sieghat li hadmu l-impjegati ghax kien hemm minn ma kienx lehhaq l-40 siegha fil-gimgha. Din inghatat bhala *grace period* imma ghamluha cara li minn Frar 2023 kienu ser jghoddu il-kundizzjonijiet tal-kuntratt il-gdid u l-minimum ta' 40 siegha fil-gimgha. Kien hemm korrispondenza dwar dan bl-email mill-istaff tieghu li kienet tahdem fuq l-accounts, izda peress illi ma kinitx ghada tahdem maghhom ma kellux access ghalihom. Fl-ahhar ta' Frar 2023 irrizulta li kellhom zewg impjegati maghom wiehed kien hadem 95.3 siegha u l-iehor kien hadem 50.5 siegha meta dawn suppost hadmu miimum 173'33 f'xahar u hargu invoice fuq 173.33. Il-klijent irrisponda li kien hemm zball u rega' gie imfakkar fuq il-kuntratt il-gdid. Dok MS5. Kien hemm ukoll telefonat bejn il-CEO taghhom Duncan u Oswald Scicluna u twaqqaf is-servizz. Intbghatet ittra fit-18 ta' April 2023 u ohra datat 14 ta' Lulju 2023 lil OSA li kellhom jhaslu €2828,33 Dok MS6 u MS7. Fil-kontro ezami ikkonferma illi minkejja li l-kuntratt li gie iffirmat fl-2020 kien skada, huma komplew japplikaw lilu fir-relazzjoni taghhom mal-OSA. Ikkonferma ukoll illi ma kienux qeghdin jaqblu mal-minimum 40 siegha fil-gimgha. B'referenza ghal *grace period* din kienet hargithom tal-accounts Joanna li ma kinitx ghada maghhom u ma kienx ccd fihom.

Xehed Nigel Scicluna li qal illi missieru kien sole director u hu kien student izda missieru kien jzommu aggornat fuql l-affarijiet u gieli kien jmur jghinu fl-amministrazzoni. Sa fejn jaf hu ma kien hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet qabel din u missieru kien ilu juza' s-servizzi taghhom ghal madwar sentejn u nofs.B'referenza ghal kuntratt a foll.20 huwa jghid illi dak huwa l-uniku kuntratt li kien gie iffirmat bejn OSA u M Recruitment li sar fl-2020, iffirmat minn missieru u Duncan Fenech. Fl-2022 kienu jhalsu €7 fis-siegha ghal waiters plus vat u chef €10.05 fis-siegha plus vat. Hu cahad li kienu inghatu xi *grace period.*

Rigward l-email li kienet mibghuta lilu f'Novembru 2022 jghid illi f'dak iz-zmien l-industrija tal-catering jkunu impenjati hafna bl-operat u fil-fatt il-kuntratt qatt ma gie iffirmat minnhom kif kienu mitlubin u ghalhekk qatt ma missu gie applikat. Ipprezenta l-invoice ta' Frar 2023 immarkata Dok NS u NS1.Kompla jghid illi ma kellux oggezzjoni li r-rata fis-siegha tizdied minhabba l-COLA mill-2020 sal 2023 izda ma setax jifhem kif persuna li tahdem 30 siegha fil-gimgha ghandha tithallas ta' 40 siegha fil-gimgha. Fil-kontro ezami ikkonferma li l-kuntratt a foll.20 kien validu ghal sena sa Dicembru 2021. Jghid ukoll illi l-email ta' Novembru 2022 kien rah fuq fuq biss u ghalkemm induna li xi affarijiet kienu ser jinbidlu baqghu juzaw is-servizzi taghhom ghax ghax baqghu japplikaw il-kuntratt iffirmat tal-2020.

Fl-24 ta' April 2024 gie ipprezentat l-affidavit ta' Oswald Scicluna ghas-socjeta konvenuta izda stante li gie nieqes mel-mori u ma setghetx ssir il-kontro ezami is-socjeta attrici ipprezzentat rikors datat 12 ta' Dicembru 2024 fejn talbet ghal-isfilz u wara r-risposta tas-socjeta konvenuta it-Tribunal laqa' t-talba ghal-isfilz b'digriet datat 6 ta' Frar 2025.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

It-Tribunal ra illi kien hemm ftehiem bejn il-partijiet li kie baqa' jigi uzat u kien skada. Ra illi s-socjeta attrici ghamlet diversi kuntatti mas-socjeta konvenuta bl-email fejn bghatet il-kuntratt il-gdid li kellu jigi applikat minn Jannar 2023. Ra illi kien hemm diversi reminders li gew injorati u s-socjeta konvenuta baqghat tuza s-servizzi izda ma iffirmatx il-ftehiem. Rat illi inghata grace period ghax-xahar ta' Jannar 2023 u li l-hlas mitlub jirreferi ghal Frar 2023.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentament jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u tmienja u ghoxrin euro u tlieta u tlettin centezmu (€2,828.33) bl-imgħax legali mis-17 ta' Lulju 2023[1], sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Data ta' meta giet ipprezentata l-kawza odjerna